**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Jannar, 2020**

**Talba Nru: 555/2018PM1**

**Tonio Cauchi (KI 183792(M))**

**V.**

**Leonard Bugeja (KI 425859(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Novembru, 2018 permezz ta' liema l-attur talab, ghar-ragunijiet hemmhekk moghtija, li dan it-Tribunal jiddikjara li z-zewg shaftx mibjugha mill-intimat lill-esponenti kienu kolpiti minn difetti latenti;

konsegwentement jiddikjara li l-attur ghandu jigi rifuz is-somma ta' €3,695.75 rapprezentanti hlas tal-imsemmija shaftx; konsegwentement jordna lill-intimat ihallas lill-istess attur is-somma imsemmija bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-attur.

Ra r-risposta tal-konvenut permezz ta' liema iddikjara li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi fl-ewwel lok, ghandu jigi ppruvat illi l-azzjoni giet proposta entro t-terminu preskritt mil-ligi billi in-nuqqas, jirrizulta illi l-azzjoni hija perenta a tenur tal-art. 1431 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li si tratta tal-actio redhibitoria, it-talbiet tar-rikorrenti kif imposti huma insostenibbli billi, semmai, kellha tintalab ir-rexxizjoni tal-bejgh flimkien ma' talba sabiex il-partijiet jitqieghda fl-istatus qua ante;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fi kwalsiasi kaz, mhuwiex minnu illi l-oggetti mibjugha kienu affetta minn difetti latenti, kif ser jigi ampjament ipprivat waqt it-trattazzjoni tal-kawza
4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jidher illi l-installazzjoni tas-shaftx ma saritx skont l-arti u s-sengha kif ser jigi pruvat.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-affidavit tal-attur a fol. 11 et. seq. tal-process u d-dokumenti annessi mal-istess.

Ra n-nota tal-attur bid-damage survey report redatt mill-Inginier Elio Desira a fol. 25 et. seq tal-process.

Sema' x-xhieda ta' Elio Desira u ra d-dokumenti ezebiti minnu waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Leonard Bugeja waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019 u ra d-dokumenti ezebiti minnu.

Sema' x-xhieda ta' Tonio Cauchi waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru, 2019.

Sema' x-xhieda ta' Tonio Cauchi, Elio Desira u Leonard Bugeja waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar, 2020.

Ra li waqt tali seduta l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti u tac-cirkostanzi partikulari tal-kaz.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob ir-rifuzjoni tal-prezz imhallas minnu ghal zewg *drive shafts* liema *shafts* kienu allegatament affetti minn difetti mohbija.

Illi fl-ewwel lok il-konvenut jeccepixxi li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-art. 1431 filwaqt li jichad li x-*shafts* kienu affetti minn difetti latenti imma jindika bhala l-kawza tal-hsara l-istallazzjoni tal-istess li ma saritx skont l-arti u s-sengha. Eccepixxa wkoll li l-azzjoni hija insostenibbli ghax mhux akkumpanjata minn talba ghar-rexissjoni tal-bejgh u talba sabiex il-partijiet jitqieghdu fl-i*status quo ante*.

Illi fl-ewwel lok it-Tribunal ghandu jiddetermina jekk l-azzjoni odjerna hijiex preskritta skont kif eccepit mill-konvenut.

Illi l-art. 1431 tal-**Kodici Civili** jipprovdi espressament illi :

> « *(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-*

> *kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*
>
> *(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*
>
> *(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxukif jingħad fl-artikolu 1407(2).* »

Illi fil-kaz in ezami, irrizulta car li ghalkemm id-drive shafts "*waslu fil-bidu ta' Marzu, 2018*" (ara f'dan is-sens para. 6 tal-affidavit tal-attur) ghadda xi zmien sakemm l-attur seta' jinstalla tali *shafts* u konsegwentement seta' jarahom jahdmu meta johrog bid-dghajsa tieghu. Irrizulta wkoll mix-xhieda moghtija mill-attur fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2020 li tali difett gie riskontrat ghall-ewwel darba mill-attur minnufih fil-hamsa (5) ta' Lulju, 2018. L-azzjoni odjerna giet intavolata fit-30 ta' Novembru, 2018. Konsegwentement, trattandosi ta' mobbli, huwa car li t-terminu ta' sitt xhur ma kienx lahaq ghadda u kwindi l-azzjoni m'hijiex preskritta.

Illi ghaldaqstant jehtieg li jigi investigat u determinat ukoll il-mertu tal-azzjoni odjerna. F'tali rigward huwa necessarju li t-Tribunal, fl-ewwel lok jiddetermina r-rwol li kellu l-konvenut fin-negozju mal-attur. Hekk ukoll jehtieg li jigi determinat x'kienet dik ir-raguni li wasslet ghall-hsara lamentata mill-attur u jekk tassew l-attur irnexxielux jipprova li tali hsara hija konducibbli ghal difett li kien mohbi fil-mument tax-xiri tad-*drive shafts*.

Illi fir-rigward tal-ewwel punt jinghad li huwa l-attur stess li, permezz tal-azzjoni odjerna, jiddikjara li « *l-esponenti* ***xtara*** *minghand l-intimat zewg (2) Python-Drive shafts ghad-dghajsa tieghu ghall-prezz komplessiv ta' €3695.76* » u li « *avza lill-intimat b'dawn id-difetti latenti* ». Huwa wkoll l-istess attur li, permezz tal-azzjoni odjerna, jitlob li t-Tribunal jiddikjara li « *z-zewg shafts* ***mibjugha mill-intimat lill-esponenti kienu kolpiti b'difetti latenti*** » (enfazi mizjuda). Ghalkemm l-attur stess xehed li : « *l-ftehim ta'*

*bejnietna kien bil-patt u kundizzjoni li hu mhux biss jghaddili dawn id-drive shafts imma jghinni wkoll sabiex jiena nwahhalhom fuq il-post (u) hu kien prezenti anke waqt li jiena kont qed ninstalla* », it-Tribunal huwa marbut li jinvestiga u jiddeciedi l-kawzi quddiemu entro l-parametri tat-talbiet u l-eccezzjonijiet imressqin mill-partijiet rispettivi. F'dan ir-rigward huwa car li l-azzjoni attrici tinsab fondata esklussivament fuq allegazzjoni ta' difett latenti f'makkinarju mixtri mill-attur minghand il-konvenut u ma tinkludix ukoll xi talba fir-rigward ta' kwalunkwe ghajnuna jew servizz provdut mill-konvenut fir-rigward tal-istallazzjoni tal-istess makkinarju. Hekk ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut, kemm dik preliminari u kif ukoll dawk fil-mertu huma lkoll incentrati fuq in-negozju tal-kompravendita bejn il-partijiet. Konsegwentement it-Tribunal mhuwiex adit sabiex jiddetermina jekk kienx hemm xi rwol jew nuqqas da parti tal-konvenut fir-rigward tal-istallazzjoni tal-makkinarju imma biss jekk kenux jezistu difetti latenti f'tali makkinarju li jiggustifikaw ir-rizarciment tal-prezz, dana in linea ma' dak mitlub mill-istess attur.

Tenut kont tal-fatt li l-oneru tal-prova jaqa' kollu fuq il-parti li tkun qed tallega, dana kif espressament provdut taht l-art. 562 tal-**Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili**, huwa car ukoll li f'dan il-kaz l-oneru tal-prova li kien hemm difetti latenti li ghalihom ghandu jwiegeb il-konvenut jaqa' fuq l-attur. F'dan ir-rigward it-Tribunal ma jistax ma jinnutax li tressqu diversi provi da parti taz-zewg partijiet a sostenn tal-posizzjoni differenti mehuda minnhom. Da parti tieghu l-attur stqarr li «*Fl-ewwel ftit granet inutajt li kien hemm problema b'dawn id-drive shafts u cioe` kienu qeghdin jishmnu. Aktar ma ghadda zmien, is-shana li kienet qed tigi ggenerata kienet qed tikkawza lid-drive shafts biex jerhu l-grease taghhom. F'kazijiet bhal dawn, jekk id-drive shafts jitilfu l-grease taghhom jispiccaw minghajr lubrication.*" (para. 10 tal-affidavit tal-attur). Tali verzjoni tinsab konfermata wkoll mill-parir tekniku tal-espert *ex parte* Elio Desiro appuntat mill-istess attur. Ir-rapport tieghu jikkonkludi wkoll li "*In this case the focus is on bearing failures associated with lubrication problems*". Madanakollu tali rapport jonqos milli jindika x'seta' effettivament wassal ghal din il-problema ta' nuqqas ta' lubrikant. Tali diffikulta sabiex jiddetermina l-kawza ta' tali nuqqas giet nutata wkoll mit-Tribunal waqt

ix-xhieda moghtija mill-istess xhud fejn : « *Mistoqsi mit-Tribunal jekk jiena nistax niddetermina minn dak li rajt x'kienet ir-raguni li zmantellat id-drive shafts kien minghajr grease, nghid li jiena ma nistax ovvjament nixhed dwar dan sabiex nispjega ghalfejn kienet minghajr grease. Madanakollu nista' nghid illi minn dak li rajt jiena, jiena stajt ninnota li l-kundizzjoni taghha setghet kienet rizultat tas-shana qawwija li soffriet. Din is-shana qawwija tkun jew minhabba l-fatt li ma kienx giet adoperata l-angolu li suppost jew inkella minhabba l-fatt li tkun spiccat minghajr il-grease kollu fil-fatt tkun spiccat minghajr ebda lubrication.* » (xhieda moghtija fil-5 ta' Gunju, 2019). F'dan ir-rigward ikompli jixhed li : « *dan id-drive shaft suppost ma kienx imwahhal ma' din it-tip ta' magna li rajt jiena. Suppost twahhal mudell iehor li huwa mudell P200T.* » Mistoqsi x'jigri jekk jigi imwahhal *drive shaft* ma' magna b'*horse power* oltre dak li hu koncess mill-istess *drive shaft*, huwa spjega li l-probabilita` hi li d-*drive shaft* jishon kif fil-fatt jidher li gara. Madanakollu huwa ma jidhirx li seta' jiddetermina dan l-aspett bhala l-kawza wahdanija li certament waslet ghall-hsara tant illi lanqas ma jirreferi ghal dan il-punt fir-rapport tieghu mahrug lill-attur. It-Tribunal jifhem li kieku tassew din kienet ir-raguni cara ghall-hsara sofferta mill-attur, Desira kien jindika dan minghajr tlaqlieq fl-istess rapport tieghu forsi wkoll qabel ma jikkunsidra l-aspett tal-angolu rikjest ghall-istallazzjoni tal-istess. Kien biss waqt ix-xhieda tieghu li Desira jirreferi ghall-ewwel darba ghal dan l-aspett u anke hawnhekk, minkejja dan, xorta wahda xehed illi ma setax jiddetermina minn dak li ra x'kienet ir-raguni li wasslet sabiex ix-*shafts*, kif rahom hu, jkunu minghajr *grease*.

Illi da parti tieghu il-konvenut jargumenta li tali hsara giet kagunata minn fatturi li m'ghandhomx x'jaqsmu xejn ma' difett latenti fid-*drive shafts*. Huwa jikkontendi li d-*drive shaft* suggerita minnu kienet tajba ghall-uzu mal-magna tal-attur jekk wiehed jikkunsidra l-formula adoperata f'dan ir-rigward sabiex tiddetermina il-*maximum shaft torque* tad-*drive shaft*. F'dan ir-rigward huwa ressaq il-kalkoli tieghu liema kalkoli jindikaw li x-*shaft torque* tal-magna (kalkulat bhala 137.94KGM) kien wiehed li ma jmurx oltre dak massimu ghal tali drive shaft (140KGM) (ara f'dan is-sens Dok. LB 6 a

fol. 66 et. seq. tal-process). Jerga' jigi nutat li r-rapport inizjali ta' Desira ma jaghmel ebda referenza ghal din il-kwistjoni u cioe` ghall-kwistoni koncernanti l-idonejita` tad-*drive shafts* ghall-magna in kwistjoni. It-Tribunal jifhem li jekk tassew dan kien il-fattur ewlieni jekk mhux ukoll l-uniku fattur li wassal ghall-hsara, kien jinkombi fuq l-espert Desira li minnufih jindika dan fir-rapport tieghu u li jindika dan il-fattur bhala l-kawza diretta ghall-hsara sopportata – haga li huwa m'ghamilx lanqas meta xehed f'dawn il-proceduri. It-Tribunal jinnota wkoll li l-manwali ezebit kemm mill-konvenut u kif ukoll minn Desira jindikaw « ***Example use*** *with diesel engine* » (enfazi mizjuda) u m'hemm ebda indikazzjoni li, jekk tali *shaft* jintuza ma' xi magna ohra (purke` wiehed ma jmurx oltre t-*torque shaft* u/jew il-'*propeller thrust*' massimi indikati), tali *shaft* ma jahdimx tajjeb jew jitlef il-*lubrication* tieghu. Fi kliem iehor it-termini massimi huma dawk tax-*shaft torque* u tal-*Propeller Thrust* filwaqt li d-dettalji l-ohrajn jidher li jinghataw biss bhala ezempju.

Illi l-konvenut jindika kemm permezz tax-xhieda tieghu u kif ukoll permezz tal-eccezzjonijiet tieghu li mhux biss skont il-kalkoli tieghu id-*drive shaft* kien tajjeb ghall-magna tal-attur imma wkoll li l-kagun ta' tali hsara tista' tinsab biss fi stallazzjoni hazina b'angolatura li tmur oltre dak koncess mal-manwal ta' struzzjonijiet ghall-istallazzjoni tal-istess *drive shafts* u/jew mill-fatt li l-attur baqa' jaghmul uzu mid-dghajsa u kwindi mid-*drive shafts* stallati anke meta fil-5 ta' Lulju, 2018 seta' jinnota minnufih li dawn ma kenux qeghdin jahdmu sew. F'dan ir-rigward huwa l-istess espert *ex parte* tal-attur li, oltre milli jaqbel li l-angolu tal-istallazzjoni seta' jwassal ghal tali hsara, jixhed li : « *min ikun istruwit suppost ghandu jieqaf milli jutilizza l-magna meta jara dawn l-affarijiet. Naqbel ukoll illi jekk tibqa' tintuza l-magna meta wiehed jara dawn it-tip ta' hsarat il-hsara ha tibqa' tmur ghall-aghar ghalkemm nghid li xi kultant ikun necessarju li l-mangna tibqa' tintuzu partikolarment meta l-vettura tkun fuq vjagg u min ikun qed isuqha jkun ridi jerga jidhol lura fil-port.* » (xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019). F'dan il-kaz irrizulta mix-xhieda tal-istess attur li ghalkemm huwa intebah bil-problema proprju fil-5 ta' Lulju, 2018 huwa mhux biss baqa' juza d-dghajsa sabiex

idahhallha fil-port imma, skont kif jinsab ukoll pruvat mill-fotokopji tad-djarju tax-xoghol tieghu, huwa jidher li baqa' juza tali dghajsa ghal diversi granet wara l-5 ta' Lulju, 2018 bir-riskju car li, skont kif xehed l-istess espert imqabbad minnu, il-hsara li seta' kien hemm giet certament ulterjorment aggravata bix-*shafts* jitilfu l-*grease* kollu taghhom.

Illi, kif inghad, hemm ukoll il-kwistjoni tal-angolatura fl-istallazzjoni tad-*drive shaft* li setghet ikkawzat jew ikkontribwiet ghall-hsara. F'dan ir-rigward, ghalkemm Desira permezz tar-rapport tieghu jghid li ddetermina angolu ta' 6.5 degrees, in kontro-ezami jikkonferma li tali angolu gie determinat tramite ritratti li gew mibghutin lilu. Desira jaqbel li mhux sufficjenti li, ai fini tal-istallazzjoni korretta tad-*drive shaft*, jigi determinat angolu wiehed biss u ghalkemm « *fil-fatt id-drive shaft tigi stallata u jkun hemm zewg angoli u mhux wiehed biss* (…) *fil-fatt sabiex jigi stabbilit it-tieni angolu kien ikun hemm bzonn ta' ritratti ulterjuri.* »

Illi fil-fatt il-konvenut stess ezebixxa ritratti tad-*drive shaft* stallata u filwaqt li xehed li « *mal-ewwel infurmajt lill-attur li ma kontx kuntent bl-inklinazzjoni qawwija li tidher bejn iz-zewg apparati li jidhru fir-ritratti. Nghid fil-fatt tali inklinazzjoni tmur kontra l-istruzzjonijiet* » ikompli jixhed ukoll l-attur prova jaggusta tali angolu fuq suggeriment tieghu imma xorta wahda, fil-fehma tieghu, l-inklinazzjoni baqghet wahda mhux preciza. L-angolu ghal tali stallazzjoni jidher li kellu jigi determinat b'mod preciz permezz ta' apparat idoneju li ma giex utilizzat. Il-konvenut jilmenta wkoll mill-fatt li l-apparat kien gie imwahhal ma' *plywood* li, fil-fehma tieghu, kienet irqira wisq. Huwa jikkonkludi billi jghid li « *Fuq mistoqsija tat-Tribunal nghid li jiena naqbel li l-hsara li tinsab lamentata mill-attur hija rizultat tal-izbilanc fl-angoli li jiena stess rajt u li jidhru fir-ritratti li jiena esebejt* » (ara f'dan is-sens xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju, 2019 a fol. 60 tal-process).

Illi avut rigward ghas-surreferit u tenut kont li kien jinkombi fuq l-attur li jipprova, almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet, dak minnu allegat u cioe` li d-*drive shafts* kienu

affetti minn difetti latenti hekk kif xtrahom minghand il-konvenut, huwa car ghat-Tribunal li l-attur ma rnexxielux jissodisfa l-oneru tal-prova imqieghed fuqu. Huwa sinjifikanti l-fatt li lanqas l-espert *ex parti* inkarigat mill-attur ma jindika b'mod car x'wassal biex id-*drive shafts* jispiccaw minghajr *grease* u f'dan ir-rigward, kif inghad, jindika biss li tali hsara setghet giet ikkawzata minhabba li d-*drive shafts* ma kenux idoneji ghall-magna jew ghaliex il-magna baqghet tintuza anke wara li giet nutata l-ewwel problema jew anke minhabba stallazzjoni b'angolatura hazina, din tal-ahhar in linea ma' dak li xehed l-istess konvenut u ma' dak pruvat permezz tar-ritratti prodotti minn dan tal-ahhar. Dawn iz-zewg aspetti koncernanti l-kontinwat uzu ta' tali *shafts* jew l-istallazzjoni hazina taghhom ma jistghux jinkwadraw ruhhom fil-kuncett ta' « difett latenti » u dana ghaliex jekk fl-ewwel lok, il-makkinarju supplit seta' kien wiehed tajjeb u mhux difettuz qabel ma gie stallat, bl-istallazzjoni hazina jew mhux preciza taghha u bl-uzu kontinwat l-attur stess seta' kellu tort ghall-fatt li l-magna sahnet u tilfet il-*grease* kollu. It-Tribunal isib ukoll li r-raguni avvanzata mill-konvenut li l-angolatura kienet wahda hazina ma tistax tigi eskluza tramite r-rapport ta' Desira ghaliex *ex admissis* tali rapport huwa nieqes minn informazzjoni koncernanti it-tieni angolu.

Illi avut rigward ghas-surreferit it-Tribunal ma jistax jiddetermina li almenu fuq bilanc ta' probabiltajiet il-hsara lamentata mill-attur kienet kawzata minn xi difett fil-makkinarju supplit lilu mill-konvenut. Anzi, il-maggoranza tal-provi prodotti jindikaw li l-kawza ta' tali hsara setghet kienet naxxenti minn fatturi ohrajn li ghalihom jahti l-istess attur fosthom l-istallazzjoni ta' *drive shaft* b'inklinazzjoni zbaljata u l-uzu kontinwat u pjuttost estensiv ta' tali *shafts* anke wara li l-attur intebah bil-hsara.

Ghal fini ta' kompletezza jinghad ukoll li, fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut m'hemm xejn li huwa insostenibbli fit-talba attrici. Huwa car li dak li qed jitlob huwa li jiehu lura l-prezz imhallas minnu ghal apparat li, fil-fehma tieghu, kien difettuz, dana in linea ma' dak provdut taht l-art. 1427 tal-**Kodici Civili**. Il-konvenut ghazel li jiddefendi ruhu minn din it-talba billi cahad li jezistu difetti latenti. Kjarament it-talba attrici ma tistax tintlaqa' ghar-ragunijiet esposti hawn fuq.

Ghaldaqstant it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-ewwel u t-tieni eccezzzjoni tal-konvenut, jilqa' t-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-istess attur.

**Av. Dr. Philip M. Magri**